MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 390/2009

**L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Lara Said**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fis-16 ta' Ottubru 2009, permezz ta' liema titlob li Lara Said tigi kkundannata thallasha s-somma ta' ghaxart elef mitejn wiehed u tmenin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€10,281.85), ekwivalenti ghal Lm4,470.37, rapprezentanti servizz minnha lilha fornut skont *invoice* annessa ma' l-Avviz u markata bhala Dok. "LA1", bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 30 ta' Mejju 2003 u 10 ta' Ottubru 2007, kontra Lara Said;

Rat l-*invoice* datata 27 ta' Frar 2002 annessa ma' l-Avviz u markata bhala Dok. "LA1" a fol. 2 tal-process;

Rat ir-Risposta pprezentata mill-konvenuta fl-1 ta’ Frar 2010, permezz ta’ liema teccepixxi li t-talbiet ta’ l-Awtorità attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwiex minnu li hija ghandha taghti s-somma mitluba;

Rat ir-Risposta ulterjuri pprezentata mill-konvenuta fit-23 ta’ Mejju 2011, permezz ta’ liema teccepixxi li t-talbiet attrici huma preskritti bi dekors ta’ hames snin ai termini ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Awtorità attrici b’Nota pprezentata fl-4 ta’ Ottubru 2010, markati Dok. “A” sa’ Dok. “K” minn fol. 19 sa’ 59 tal-process u b’Nota pprezentata fis-17 ta’ Gunju 2011, markati Dok. “LS1” sa’ Dok. “LS3” a fol. 72 sa’ 76 tal-process;

Semghet ix-xhieda tal-konvenuta[1] u ta’ Kevin Portelli[2] moghtija waqt is-seduta tal-15 ta’ Novembru 2010 u rat id-dokument esebit minn Kevin Portelli markat Dok. “KP1” a fol. 61 tal-process u semghet ix-xhieda ta’ Miriam Bartolo Abela moghtija waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Frar 2011[3];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta, ossia l-eccezzjoni li t-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta’ hames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mill-kovnenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-Awtorità attrici titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ €10,281.85,

[1] Fol. 62 sa’ 63 tal-process.
[2] Fol. 64 sa’ 65 tal-process.
[3] Fol. 67 sa’ 68 tal-process.

rapprezentanti servizz fornut lilha skond kif jirrizulta minn *invoice* annessa ma' l-Avviz u markata Dok. "LA1". Il-konvenuta tilqa' ghat-talba attrici b'eccezzjoni fil-meritu fis-sens illi t-talba ta' l-Awtorità attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi ma huwiex minnu li ghandha taghti lill-Awtorità is-somma mitluba, u bl-eccezzjoni ulterjuri li t-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Din is-sentenza tittratta limitatament dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta bir-Risposta ulterjuri ipprezentata fit-23 ta' Mejju 2011.

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizulta li s-somma ta' €10,281.85 pretiza mill-Awtorità attrici minghand il-konvenuta tirrapprezenta rimbors ta' spejjez inkorsi mill-Awtorità in konnessjoni ma' *distance learning scholarship leading to an MA/Postgraduate Diploma in Town and Country Planning* koncess lill-konvenuta[4]*.* In effetti jirrizulta li bejn l-1995 u l-1 ta' Frar 2002 il-konvenuta kienet tahdem ma' l-Awtorità attrici bhala Research & Information Planning Officer u fl-1998 giet *awarded distance learning scholarship leading to an MA/Postgraduate Diploma in Town and Country Planning*. Dan l-ischolarship kien regolat bit-termini u l-kondizzjonijiet ta' ftehim datat 21 ta' Dicembru 1998 bejn l-Awtorità attrici u l-konvenuta[5].

Fost diversi kondizzjonijiet l-imsemmi ftehim jipprovdi li *you will undertake to complete your studies within a maximum of six (6) years from the date of commencement of studies (January 1999), unless other exceptional and unforeseen circumstances preclude you from doing so. Should you fail to complete such studies within this time frame or should you abandon, or fail to complete your studies for any reason, which in the Planning Authority's opinion is not justifiable, you will be bound to refund the Planning Authority for all expenses made by the Authority* [Klawsola 6].

---

[4] Xhieda ta' Kevin Portelli moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2010, fol. 64 u 65 tal-process.
[5] Dok. "A" a fol. 43 u 44 tal-process.

Bhala fatt il-konvenuta ma komplietx il-*course* in kwistjoni u abbadunatu wara tlett snin peress illi fl-2002 hija ma baqghetx tahdem ma' l-Awtorità attrici izda marret tahdem l-Università ta' Malta[6]. Jirrizulta fil-fatt li fl-1 ta' Frar 2002 il-kovenuta ffirmat formola ta' l-ETC relattiva ghar-rizenja taghha minn ma' l-Awtorità attrici[7]. Hekk kif il-konvenuta tterminat l-impjieg taghha ma' l-Awtorità attrici, l-istess Awtorità talbitha tirrifondiha l-ispejjez minnha inkorsi in konessjoni ma' l-imsemmi *scholarship*. L-ewwel interpellazzjoni ghar-refuzjoni saret permezz ta' ittra datata 7 ta' Marzu 2002[8] li maghha kellha annessa *invoice* datata 27 ta' Frar 2002 ghas-somma komplessiva ta' Lm4,470.37 (illum ekwivalenti ghal €10,413.16)[9]. Wara dik l-ittra saru zewg interpellazzjonijiet ohra permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Mejju 2003[10] u permezz ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 10 ta' Ottubru 2007[11], izda peress illi l-konvenuta baqghet ma hallsitx is-somma pretiza mill-Awtorità attrici, l-Awtorità istitwiet il-proceduri odjerni fil-konfront taghha.

L-artikolu tal-Ligi invokat mill-konvenuta in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u cioè l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li *jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin ... azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*. Il-partijiet kontendenti jaqblu li t-terminu ta' preskrizzjoni stipulat fl-imsemmi artikolu tal-Ligi huwa t-terminu preskrittiv applikabbli fil-kaz in ezami, izda ma hemmx qbil dwar iz-zmien minn meta beda jiddekorri tali

6 Xhieda tal-konvenuta moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2010, fol. 62 u 63 tal-process.
7 Xhieda ta' Miriam Bartolo Abela moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Frar 2011, fol. 67 u 68 tal-process.
8 Dok. "B" a fol. 45 tal-process.
9 Fol. 46 tal-process.
10 Dok. "LS1" a fol. 72 tal-process.
11 Dok. "LS2" a fol. 74 tal-process.

terminu. Skont il-konvenuta t-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri minn dakinhar li temmet l-impjieg taghha minn ma' l-Awtorità attrici u b'hekk abbandunat il-*course* imsemmi u cioè fl-1 ta' Frar 2002, filwaqt illi skont l-Awtorità attrici t-terminu preskrittiv beda jiddekorri minn meta skadew is-sitt snin stipulati fil-Klawsola 6 tal-ftehim datat 21 ta' Dicembru 1998, ossia mill-31 ta' Dicembru 2006 peress illi l-*course* beda f'Jannar ta' l-1999.

Jibda biex jigi osservat illi peress illi t-talba ta' l-Awtorità attrici hija bbazata fuq u nascenti mill-ftehim datat 21 ta' Dicembru 1998, hija korretta l-affermazzjoni tal-partijiet kontendenti li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz huwa dak kwinkwennali ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Pawlina Cachia v. Joseph Aquilina noe, Citaz. Nru. 1118/95** deciza fid-9 ta' Gunju 2004 *l'azione nascente da una scrittura privata si prescrive col decorso di anni cinque, ove non sia soggetta a prescrizione più breve e questa non sia stata interrotta*[12].

In kwantu rigwarda l-kwistjoni dwar iz-zmien minn meta beda jiddekorri tali terminu ta' preskrizzjoni, jigi osservat illi l-Artikolu 2137 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata*[13]*; minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*. Applikat dan il-principju ghall-fattispecie tal-kaz in ezami jirrizulta li t-terminu preskrittiv ta' hames snin beda jiddekorri minn meta l-konvenuta temmet l-impjieg taghha ma' l-Awtorità attrici u konsegwentement abbandunat il-*course* u mhux minn meta skadew is-sitt snin stipulati fil-Klawsola 6 tal-ftehim datat 21 ta' Dicembru 1998.

---

[12] Antonio Attard et v. Francesco Micallef, Appell Civili, 20 ta' Awwissu 1884, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. X pagna 550.
[13] Sottolinear tal-Qorti.

Din il-konsiderazzjoni ssib konferma f’zewg klawsoli partikolari tal-ftehim datat 21 ta’ Dicembru 1998, ossia fil-Klawsola 2 u fil-l-Klawsola 6 li rispettivament jipprovdu: *the scholarship is being awarded in view of your current and possible envisaged future responsibilities. Should you opt to take up a position within the Authority through which the scope of the scholarship becomes irrelevant, you will be bound to continue the course at your expense*[14] [Klawsola 2] u li *you will undertake to complete your studies within a maximum of six (6) years from the date of commencement of studies (January 1999), unless other exceptional and unforeseen circumstances preclude you from doing so. Should you fail to complete such studies within this time frame or should you abandon, or fail to complete your studies for any reason, which in the Planning Authority’s opinion is not justifiable, you will be bound to refund the Planning Authority for all expenses made by the Authority*[15] [Klawsola 6].

Mill-Klawsola 6 jirrizulta ferm evidenti li fil-mument illi l-konvenuta abbandunat il-*course* in kwistjoni skatta d-dritt ta’ l-Awtorità attrici li titlob minghandha r-refuzjoni ta’ l-ispejjez kollha inkorsi favuriha sa’ dak iz-zmien. Li l-konvenuta abbandunat il-*course* huwa fatt rikonoxxut miz-zewg nahat ghaliex il-konvenuta *ex admissis* tiddikjara li *bhala fatt il-kors waqqaftu qabel il-kompletazzjoni tieghu ghar-raguni illi fl-2001 jiena ma bqajtx nahdem izjed ma’ l-Awtorità attrici u mort nahdem x’imkien iehor*[16] u Miriam Bartolo Abela, Human Resources Manager ma’ l-Awtorità attrici, tiddikjara li *mill-file jirrizulta illi l-konvenuta ma temmitx il-kors u lanqas ghamlet dik is-sena tahdem ma’ l-Awtorità kif rikjest fil-ftehim. Jirrizulta li fl-1 ta’ Frar 2002, il-konvenuta ffirmat formola ta’ l-ETC minn fejn irrizenjat minn ma’ l-Awtorità*[17].

---

[14] Sottolinear tal-Qorti.
[15] Sottolinear tal-Qorti.
[16] Xhieda tal-konvenuta moghtija waqt is-seduta tal-15 ta’ Novembru 2010, fol. 62 u 63 tal-process.
[17] Xhieda ta’ Miriam Bartolo Abela moghtija waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Frar 2011, fol. 67 u 68 tal-process.

Huwa minnu li skont il-Klawsola 2 il-konvenuta setghet taghzel li tkompli l-*course* xorta wahda u li skont il-Klawsola 6 dan il-*course* seta' jigi komoletat fi zmien sitt snin izda, mill-Klawsola 2 jirrizulta li kien inghatalha l-*isponsorship* fid-dawl tal-posizzjoni partikolari li kellha dak iz-zmien fi hdan l-Awtorità - ossia Reasearch and Information Planning Officer - u f'kaz li ma kellhiex tibqa' tokkupa dik il-posizzjoni izda xorta taghzel li tkompli l-istudji taghha, dan kellha taghmlu a spejjez taghha u mhux iktar tramite l-i*sponsorship* koncess lilha mill-Awtorità. B'hekk meta l-konvenuta temmet l-impjieg taghha ma' l-Awtorità u konsegwentement ma baqghetx tokkupa dik il-kariga partikolari, skatta dak provdut fil-Klawsola 2 tal-ftehim u kemm-il darba kellha taghzel li tkompli l-istudji taghha, dan kellha taghmlu a spejjez taghha. Ghaldaqstant, fil-mument li l-konvenuta temmet l-impjieg taghha ma' l-Awtorità attrici skatta d-dritt ta' l-istess Awtorità li titlob ir-refuzjoni ta' l-ispejjez inkorsi minnha in konnessjoni ma' l-istudji tal-konvenuta u ma kellhiex ghalfejn toqghod tistenna d-dekors ta' sitt snin mill-bidu tal-*course* biex tipprocedi kontriha.

Ghalhekk thares minn fejn thares lejn il-kaz in ezami, huwa evidenti li t-terminu preskrittiv ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta beda jiddekorri mill-**1 ta' Frar 2002**, u cioè minn dakinhar li l-konvenuta temmet l-impjieg taghha ma' l-Awtorità attrici.

Stabbilit dan il-punt jehtieg issa jigi determinat jekk tali terminu ta' preskrizzjoni giex interrott da parte ta' l-Awtorità attrici jew inkella rinunzjat da parte tal-konvenuta.

Mill-atti processwali jirrizulta li qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni fis-16 ta' Ottubru 2009, l-Awtorità attrici interpellat lill-konvenuta ghar-refuzjoni tas-somma ta' Lm4,470.37 permezz ta' zewg ittri ufficjali: wahda datata 30 ta' Mejju 2003[18] u l-ohra datata 10 ta' Ottubru 2007[19]. Jidher li l-ewwel ittra ufficjali gietipprezentata entro t-

[18] Dok. "LS1" a fol. 72 u 73 tal-process.
[19] Dok. "LS2" a fol. 74 u 75 tal-process.

terminu ta' hames snin mill-1 ta' Frar 2002, izda mir-riferta jirrizulta li dik l-ittra ufficjali ma gietx notifikata lill-konvenuta u ghalhekk ma kienx hemm l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni[20]. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Bonello noe v. Robert Eminyan, Citaz. Nru. 1318/00** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003, *kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Registratur tal-Kumpaniji vs Debono" deciza fit-12 ta' Ottubru, 1987, biex issehh interruzzjoni jehtieg mhux biss li l-Ittra Ufficjali tigi prezentata qabel ma jiskadi t-terminu preskrittiv, izda li dik l-Ittra tigi notifikata lid-debitur fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni (ara artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili). Kwindi f'dan il-kaz, ma jirrizultax li t-terminu preskritt ghat-telf tad-dritt ta' l-azzjoni qatt gie validament interrott*[21].

L-Awtorità attrici tiggustifika n-nuqqas ta' notifika ta' dik l-ittra ufficjali in bazi ghall-affermazzjoni li skond parir legali li kellha t-talba taghha ghar-refuzjoni ta' l-ispejjez minnha inkorsi in konnessjoni ma' l-istudji tal-konvenuta kienet intempestiva peress illi t-terminu ta' sitt snin stipulat fil-Klawsola 6 tal-ftehim datat 21 ta' Dicembru 1998 kien ghadu ghaddej, u ghalhekk ma baqghetx tinsisti fuq dik in-notifika. Din l-affermazzjoni ta' l-Awtorità attrici però hija guridikament insostenibbli stante li kif già iktar 'l fuq osservat id-dritt taghha li tipprocedi fil-konfront tal-konvenuta ma kienx sospiz pendenti d-dekors tas-sitt snin imsemmija fil-Klawsola 6 tal-ftehim, izda skatta hekk kif il-konvenuta temmet l-impjieg taghha ma' l-Awtorità. Apparte minhekk l-Awtorità attrici ma ressqet ebda prova dwar dan l-allegat parir legali li kienet inghatat dak iz-zmien izda ghamlet referenza ghalih biss waqt it-trattazzjoni orali.

Ghaldaqstant, ghall-finijiet ta' preskrizzjoni l-uniku mod kif ghandha u tista' tigi interpretata l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 2003, hu li fin-nuqqas ta' notifika ma interrompietx

---

[20] Artikolu 2128 u Artikolu 2130 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[21] Vide wkoll sentenza preliminari fl-ismijiet "L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe v. Angelo Xuereb noe et" Citaz. Nru. 1264/91 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2003 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fl-20 ta' Frar 2009.

it-terminu preskrittiv ta' hames snin dekoribbli kontra l-Awtorità attrici ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-tieni interpellazzjoni giudizzjarja ta' l-Awtorità attrici kontra l-konvenuta ghar-refuzjoni tas-somma ta' Lm4,470.37 saret permezz ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 10 ta' Ottubru 2007 u notifikata lill-konvenuta fis-17 ta' Ottubru 2007. Din l-ittra ufficjali però ukoll ma interrompietx it-terminu preskrittiv ta' hames snin dekoribbli mill-1 ta' Frar 2002, stante li gietipprezentata ferm wara li ddekorra u ghalaq dak it-terminu fl-1 ta' Frar 2007.

Dana kollu jfisser illi l-azzjoni attrici, istitwita fis-16 ta' Ottubru 2009, giet ipprezentata wara li ghalaq it-terminu preskrittiv ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u sakemm ma tirrizultax xi rinunzja da parte tal-konvenuta l-azzjoni ta' l-Awtorità attrici fil-konfront taghha hija preskritta ai termini ta' dak l-artikolu tal-Ligi.

Minn ezami l-atti processwali u l-provi prodotti mill-partijiet kontendenti il-Qorti ma tirraviza ebda rinunzja ghall-preskrizzjoni da parte tal-konvenuta. Fir-Risposta taghha ghall-ittra ufficjali ta' l-Awtorità attrici a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenuta rrespingiet il-pretensjonijiet ta' l-Awtorità kif dedotti kontriha, u tul is-smigh ta' dawn il-proceduri meta mistoqsija jekk ghandhiex taghti xi haga lill-Awtorità attrici r-risposta taghha kienet *jiena nghid li m'ghandi naghti xejn lill-Awtorità attrici ghaliex jiena bqajt fis-servizz pubbliku, mill-MEPA mxejt ghall-Università. Fiz-zmien meta nqaghlet il-kwistjoni l-Awtorità attrici kienet maghrufa bhala Planning Authority u mhux MEPA. Jiena xorta nsostni l-posizzjoni tieghi minkejja dak provdut fil-klawsola 6 tal-ftehim*[22].

[22] Xhieda tal-konvenuta moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2010, fol. 62 u 63 tal-process.

Fid-dawl tal-principju li *fil-kaz ta' rinunzja espressa din trid tirrizulta minn espressjonijiet cari w univoci; fil-kaz ta' rinunjza tacita din ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi dezunta ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunjza (Art 2109(2) "Michele Tabone et -vs- Emmanuele Sammut noe" Prim' Awla, 10 ta' Ottubru 1950; "Carmelo Galea -vs- Dottor Albert Camilleri noe" Appell Civili, 18 ta' Marzu 1977). Hija dottrina komunement accettata illi r-rinunzja ghall-preskrizzjoni hija manifestazzjoni unilaterali tal-volontà inekwivokabbli tal-konvenut debitur li jabdika ghall-effetti tal-preskrizzjoni u li ma jridx japrofitta ruhu mill-preskrizzjoni kompjuta*[23], huwa evidenti li fil-kaz in ezami l-konvenuta ma qalet u/jew ghamlet xejn li jista' jwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li hija rrinunzjat ghat-terminu preskrittv ta' hames snin li kien lahaq iddekorra u ghalaq fiz-zmien meta gew istitwiti dawn il-proceduri kontra taghha.

Ghaldaqstant, l-azzjoni attrici kif diretta fil-konfront tal-konvenuta hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta, tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba ta' l-Awtorità attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittri ufficjali datati rispettivament 30 ta' Mejju 2003 u 10 ta' Ottubru 2007, ghandhom jigu sopportati interament mill-Awtorità attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[23] Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma v. Joseph Quattromani, Appell Civili Nru. 464/00 deciza fid-19 ta' Mejju 2004.